MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Numru. 991/2011

## IL- PULIZIJA
## SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF
## vs
## JONATHAN COLEIRO

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jonathan Coleiro ta’ 27 sena, bin missier mhux maghruf u Mary Coleiro, mwieled Pieta’ nhar it- 23 ta’ Novembru 1984, residenti 48, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 10685M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Nhar id- 29 ta’ Dicembru 2010 ghal habta tat- 3.30pm, minn gewwa l- istabbiliment bl- isem Springfield sitwat gewwa The Point Shopping Complex, Sliema;

2) Ikkommetta serq ghad- detriment ta’ Brian Magri u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi s- somma €232.94 izda inqas minn €2,329.37;

3) U aktar talli sar recidiv b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal- Probation a tenur tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’ sentenza tal- Qorti tal- MAgistrati (Malta) u lliberatu bil- kundizzjonijiet kontemplati fl- istess Artikolu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza si tratta ta’ vittma tal-abbuz mid-droga li nqabad f’vizzju ikrah u f’cirku vizzjuz. L-ammissjoni tal-imputat ghal din il-kawza gejja mix-xewqa li hu jibda jattendi ghal programm ta’ rijabilitazzjoni minn gewwa l-habs, peress illi t-tentattivi li jaghmel dan il-programm fil-passat ma rnexxewx. Apparti l-imputazzjoni ta’ serq li ghandu l-imputat, hu ammetta li kiser id-disposizzjoni ta’ liberazzjoni kondizzjonata li nghatat fil-11 ta’ Novembru,

2009. Apparti dan, l-imputat ghandu diversi kundanni ohra, uhud anke ta’ prigunerija, li jaghmluha difficli ghall-Qorti tikkunsidra piena ohra hlief dik karcerarja. Il-Qorti tawgura li l-imputat jirnexxilu jattendi l-programm ta’ rijabilitazzjoni li tant jixtieq jaghmel, u tispera li dan jigi mitmum minnu b’success, ghall-ahjar direzzjoni fil-hajja tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imuptat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------